



Brussell, 15 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14115/18

Fajl Interistituzzjonal:
2018/0338(NLE)

SCH-EVAL 221
DATAPROTECT 241
COMIX 621

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|------------------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 14114/18 |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkmandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data |

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data fl-2017.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkmandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li n-Norveġja tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-protezzjoni tad-data.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkmandazzjoni fid-9 ta' Novembru 2018.
 4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 14114/18, bħala punt "A" flaqqgħa li jmiss.
-